Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2240

Kaz Numru 2816/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Henry Mifsud

u

Atlas Tool Engineering Company Limited Dwar tkeccija mill-impjieg allegta li hi ingusta

Illum 23 ta' ~~Ottubru~~ Settembru 2013

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors datat 16 ta' Lulju 2010 mibghuta lit-Tribunal Industrijali minn Andre Portelli li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta Henry Mifsud fejn gie mitlub li jinghata kumpens opportun talli gie imkecci ingustament.

Henry Mifsud maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Vincent Galea u ghas-socjeta Atlas Tool Enginering Company Limited deher Dr. Joseph Dalli assistit minn Dr. Ian Spiteri Bailey.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem part-time mas-socjeta intimata bhala Machinest u xogholu gie terminat fil-14 ta' Marzu 2010. Ir-raguni tat-terminazzjoni hija "redundancy". Ir-raguni ma kinets wahda veritiera u dan kif ser jigi ppruvat waqt l-ismegh tal-kawza.

Is-socjeta intimata fl-istqarrija taghha qalet li t-talba ma tirrizultax ppruvata u raguni tat-tkeccija hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Joseph Dalli li huwa direttur fil-umpanija intimata fejn spjega li Henry Mifsud gie infurmat bit-tkeccija wara li giet mimlija l-formula tal-ETC.

Xehedet Jennifer Debono rapprezentanta talETC fejn spjegat l-istorja tax-xoghol ta' Henry Mifsud li li xoghlu gie terminat fil-14 ta' Marzu 2010.

Xehedet Dr Alexia Aquilina fejn spjegat lir-rikors dahal fir-registru tal-Qorti fil-15 ta' Lulju 2010.

Xehed Benjamin Rizzo li huwa l-awditur tal-kumpanija fejn spjega li x-xoghol beda jonqos

Rega xehed Anthony Dalli fejn spjega li ma kienx hemm aktar xoghol ghal Henry Mifsud. Xogholu kien li jahdem fuq it-tornijiet tal-medium. Kien impjegat part-time u l-hinijiet kienu flessibbli skond l-ezigenzi tax-xoghol. Kien jithallas hdax il-euro fis-siegha. Ix-xoghol kien ivarja. Daqqa kienet sena tajba u daqqa kienet sena inqas tajba. Hu kien jidhol meta kien ikun ix-xoghol u ma kellux sieghat fissi. Meta naqas ix-xoghol il-kumpanija offriet lill-Henry Mifsud xoghol anqas specjalizzat u bil-paga inqas u hu ma accettax.

Rega xehed Joseph Dalli fejn qal li gew impjegati tlett hadiema wara t-tkeccija ta' Henry Mifsud. Wiehed minnhom kien Simon Galdes fejn ghalkemm xogholu huwa ta' machinest xogholu kien fuq il-milling machine li hija magna ohra li ma ghandhix x'taqsam mat-torn.. Henry Mifsud qatt ma hadem fuq il-milling machine.. Jonathan Mizzi li huwa machinest u beda jahdem wara it-tkeccija ta' Henry Mifsud waqaf jahdem kull ma ghamel erba (4) gimghat u kien jahdem fuq il-milling machinewaqt li Joseph Vella jahdem fuq t-tornijiet il-kbar. Henry Mifsud qatt ma hademgfuq il-heavy lathes. Ix-xhud spjega li ghandu mat-tlettax it-torn u Henry Mifsud ma hadimx fuqhom kollha pero hadem ftit fuq it-torn il-kbir.

Xehed Henry Mifsud fejn spjega li ilu jahdem mis-sena 1987 u hadem fuq it-torn. Kien jahdem fuq it-tornijiet kolha miz-zghir sal-kbir. Spjega l-istorja tax-xoghol tieghu mas-socjeta intimata kemm kien jaghmel sieghat jahdem u kif kien jabbina x-xoghol max-xoghol principali tieghu mat-Tarzna.

Xehed in kontro-ezami Joseph Dalli fejn ikkonferma il-hinijiet tax-xoghol tar-rikorrenti u l-hlasijiet tieghu.

## KUNSIDERAZZJONIJIET.

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li hemm zewg verzjonijiet ta' dan il-kaz. Il-verzjoni ta' Joseph Dalli li jghid li r-rikorrenti kien jaf jaghmel xoghol wiehed biss fuq it-torn medium u ghahekk kellu jdahhal haddiema ohrajn u l-verzjoni tar-rikorrenti li jghd li kien jaf jhdem fuq it-tormijiet kollha u meta kien hemm ix-xoghol u hadem fuq it-tornijiet kollha u ghalhekk ma kellux bzonn idahhali machinests ohrajn.

It-Tribunal pero qieghed jemmen aktar il-vezjoni tar-rikorrenti fejn qal li r-rikorrenti kien jaf jahdem fuq it-tornijiet kollha. Xhieda ta' dan kien il-fatt li Joseph Dalli qatt ma tah waning u li kien dejjem kuntent bix-xoghol tieghu. Ukoll tenut kont tal-fatt li fabbrika zghira trid tmid idek ghax-xoghol kollu u ghalhekk il-fatt li dahhal haddiema ohra wara t-tkecija ta' Henry Mifsud bhala Machinests juri li vera kien hemm ksur tad-drittijiet tal-haddiema.

It-Tribunal ma ghandhux dubju li l-principal naqas serjament meta kecca lill-Henry Mifsud fuq kas ta' redundancy meta gie ppruvat ampjament li kien hemm bzzejjed xoghol u ma offrilux ix-xoghol entro s-sena u dahhal haddiema ohrajn. Xi haga li principal ma jistax jaghmel.

It-Tribunal qieghed jinnota ukoll li Henry Mifsud kien jahdem part-time u mhux dejjem sieghat twal imma skond l-ezigenzi tax-xoghol. It-Tribunal jinnota lil-principal offrielu xohol alternattiv pero bi paga anqas.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi It-Tribunal pero ma jistax ma jsibx htija fil-konfront tal-kumopanija intimata.

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet koncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-sottomissjonijiet jilqa it-talbiet tar-rikorrenti billi jiddikjara illi l-kumpanija intimata ma kellhiex ragun tkecci lill-impjegat Henry Mifsud ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija .

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jilqa dan l-appell u jikkondanna lis- socjeta intimata Atlas Tool Engineering Company Limited is-somma ta' elfejn euros (euros 2000) bl-ispejjes kontra l-istess ~~rikorrenti~~. intimat

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

GSpiteri
Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju